MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF
GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2010

Appell Civili Numru. 14/1959/1

**Maria mart l-imsiefer Philip Debono u b'digriet tat-13 ta' Dicembru 1962, gie msejjah fil-kawza Filippo Debono zewg l-attrici, u b'digriet tal-4 ta' Mejju 1984 l-atti gew trasfuzi f'isem bintha Carmela mart Salvatore Vella stante l-mewt ta' ommha Maria Debono li mietet fid-9 ta' Mejju 1982, u b'digriet tal-25 ta' Frar 2005, il-gudizzju gie trasfuz f'isem Carmela Vella stante l-mewt ta' missierha Filippu Debono fil-mori tal-kawza**

**v.**

**Kanonku Dekan Francesco Camilleri fil-kwalita` tieghu ta' mandatarju ta' John Mifsud nominat b'kirografe tal-1 ta' Lulju 1958 li b'digriet u stante l-mewt tal-**

**imsemmi Kanonku Francesco Camilleri issubentraw minfloku l-Avukat Alfred Grech u l-P.L Antoinette Micallef b'digriet tas-26 ta' April 1983 sabiex jirraprezentaw lill-assenti John Mifsud u sussegwentement permezz ta' nota assuma l-atti in rapprezentanza tal-imsemmi John Mifsud Anthony Galea in veste ta' prokuratur tieghu u sussegwentement b'digriet tas-6 ta' Gunju 1995 minhabba l-mewt ta' John Mifsud l-atti gew trasfuzi f'isem Anthony Galea bhala prokuratur tal-assenti Madame Polly armla ta' John Missud sive Mifsud u Thierry, Isabelle u Laurent ahwa Missud sive Mifsud u Rosa mart Michele Galea b'digriet tas-26 ta' Frar 1959, fil-kwalita` taghha ta' mandatarja generali ta' binha l-assenti Francesco Galea minnu assistita, nominat b'mandat ta' prokura tat-2 ta' Settembru 1958 u jekk ghandha jew jista' li ghandha interess, l-istess Rosa Galea fl-isem taghha proprju (dok A); u b'nota tat-22 ta' Ottubru 1981 Anthony Galea assuma l-atti minflok huh Frank Galea; u b'nota tat-8 ta' Novembru 1984, Tony Galea assuma l-atti flok l-assenti John Mifsud; u b'digriet tas-6 ta' April 2005, Anthony Galea gie nominat kuratur deputat sabiex jirraprezenta l-wirt tal-mejta ommu Rosa mart Michele Galea.**

**Il-Qorti:**

1. B'verbal datat il-11 ta' Jannar 2010, in segwitu` tat-trattazzjoni ta' dan l-appell, l-istess appell gie differit ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghas-seduta tal-lum.

2. Tirrileva li meta din il-Qorti ghaddiet biex tiehu konjizzjoni approfondita tal-atti tal-kawza – process ferm voluminuz li issa ilu pendenti ghal aktar minn nofs seklu quddiem dawn il-Qrati! – sabet allegati maghhom atti ta' process iehor fl-ismijiet: **Maria Debono et v. Avukat Paolo Mercieca et** (Citazzjoni Numru 73/58). Jirrizulta inoltre illi flimkien mar-rikors ta' appell, l-appellanta Carmela Vella kienet ipprezentat rikors addizzjonali biex il-kawza tinstema' b'urgenza u dan *inter alia* fuq il-premessa li tghid (ara fol. 18 tal-process tal-appell) hekk:

"Illi din il-kawza ilha pendenti ghal hamsin (50) sena u maghha ilha wkoll pendenti ghal tul l-istss zmien kawza maghha konnessa fl-ismijiet: Maria Debono kontra Paolo Mercieca noe et (Citaz. Numru 73/58) liema kawza tinsab differita *sine die* quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tistenna l-ezitu ta' din il-kawza". (Sottolinear ta' din il-Qorti).

3. Minn ezami tal-atti fil-kawza l-ohra surreferita jidher li din il-kawza kienet fil-fatt giet deciza *in parte* mill-Qorti tal-Appell, kif dakinhar komposta, fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2004. Fost it-tliet Imhallfin komponenti l-Qorti dakinhar kien hemm jippresjedu l-attwali President tal-Qorti, il-Prim Imhallef Vincent De Gaetano, kif ukoll l-Imhallef Joseph A. Filletti.

4. Fost is-sensiela twila ta' aggravji li gew avvanzati fi grad ta' appell fil-kawza l-ohra, i.e. **Maria Debono et v. Av. Dr. P. Mercieca noe et**, surreferita, jirrizultaw is-segwenti li gew ukoll decizi jigifieri:

(i) l-allegata nullita` minhabba mankanza f'dik li tikkoncerna l-kwistjoni dwar il-legittimazzjoni tal-atti;

(ii) in-nuqqas ta' denunzja tal-proprjeta` *de quo* wara l-mewt ta' Jean Missud (sive Jean Mifsud) min-naha tal-werrieta prezunti kif titlob il-ligi;

(iii) li l-ewwel Qorti ma qatghetx ukoll il-kawza l-ohra (jigifieri proprju din in ezami fl-appell odjern, Citaz. Nru. 14/59) bejn il-partijiet;

(iv) li l-ewwel Qorti ddecidiet li l-attrici (i.e. Maria Debono) m'hijiex konsorti ghall-finijiet tal-irkupru bla ma saret eccezzjoni mill-konvenut jew mill-kjamat fil-kawza;

(v) li l-ewwel Qorti ddecidiet li l-attrici (i.e. Maria Debono) m'ghandhiex id-dritt ta' vicinanza;
(vi) li l-ewwel Qorti rriteniet zbaljatament li l-kwistjoni tal-konsegwenita` hija *extra petita*; (Sottlinear tal-Qorti).

5. L-appell fil-kawza l-ohra gie deciz fit-30 ta' Jannar 2004, kwantu segwe:

"Ghal dawn ir-ragunijiet billi,

"(a) filwaqt li thassar u tirrevoka s-sentenza appellata kif moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri fid-19 ta' Ottubru 1999 fil-kawza fl-ismijiet premessi;

"(b) u filwaqt li tiddikjara li l-attrici hi konsorti fl-utili dominju tal-fond *de quo* ghal finijiet u effetti tal-ligi dwar l-irkupru;

"(c) tibghat l-atti lura lill-Qorti tal-ewwel grad sabiex din tiddiciedi skond il-ligi fuq it-talba attrici u fuq l-eccezzjoni tal-kontro-parti konvenuta fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet maghmula hawn aktar 'il fuq f'din is-sentenza." (Sottolinear tal-Qorti)

6. Fl-14 ta' Settembru 2005, il-konvenuti proprio et nomine inoltre pprezentaw quddiem il-Qorti tal-Appell, presjeduta mill-istess tliet Imhallfin (u fosthom il-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallef Joseph A. Filletti) rikors ghal fini ta' ritrattazzjoni u dan a bazi tal-Artikolu 811 sub-incizi (k) u (l) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta ta' dik is-sentenza *in parte*.

Fl-20 ta' Novembru 2006, it-tliet Imhallfin (ara fol. 175 tal-atti f'dik il-kawza) komponenti l-Qorti tal-Appell dakinhar ipprezentaw *seduta stante* nota li permezz taghha huma astjenew milli jiehdu konjizzjoni tar-rikors ghal fini ta' ritrattazzjoni.

7. Minn ezami, anke superficjali, tal-appell odjern kif imqabbel ma' dak illi gie deciz fil-kawza l-ohra surriferita f'istadju ta' appell, jidher evidenti mhux biss li hemm rabta intima bejn kawza u ohra imma li, addirittura, hemm punti identici li dwarhom kien hemm anke pronunzjament deciziv mill-Qorti tal-Appell kif dakinhar komposta. Bizzejjed jinghad li xi whud mill-premessi fattwali mnizzla fl-appell odjern in sostenn tal-aggravji tal-appellanta

jikkomprendu s-segwenti (ara fol. 6 tar-rikors tal-appell, fol. 7 tal-atti fl-appell), jigifieri li,

(i) “Maria Debono, omm u awtrici tal-attrici Carmela Vella, pero` li kellha drittijiet ta’ irkupru bit-titolu ta’ konsorzju fl-*utile domonju* ta’ servitu` dominanti, ta’ vicinanza. Fit-18 ta’ Awwissu 1958, wara li kienet debitament awtorizzata b’digriet tas-Sekond’Awla tal-31 ta’ Lulju 1958 permezz ta’ cedola ta’ ritratt irkuprat hija wkoll biex tiehu lura l-fond, izda Rose Galea ghan-nom ta’ Francesco Galea, ma rrevendietx lilha izda lill-Kanonku Camilleri nomine”;

u li,

(ii) “Mart u wlied Jean Mifsud sahansitra m’ghamlu l-ebda dikjarazzjoni *causa mortis* jew denunzja tal-proprjeta` suppost tal-mejjet meta Jean Mifsud miet fil-mori tal-kawza,”

u li;

(iii) “Anthony Galea gie mqabbad minn Jean Mifsud bhala prokuratur tieghu meta miet id-Dekan Anthony Galea ma huwa hadd ghajr hu Frank Galea. Mela hawnhekk ghandna vera u proprja *family jamboree;*”.

8. Evidentement mis-suespost jirrizulta mhux biss li hemm konnessjoni intima bejn kawza u ohra f’dak li hu mertu imma anke li xi whud mill-partijiet huma wkoll l-istess persuni. Huwa ovvju ghalhekk li l-imsemmija zewg gudikanti, jigifieri l-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallef Joseph A. Filletti diga` kitbu u esprimew ruhhom <u>fil-mertu</u> dwar xi whud mill-aggravji li gew imressqa <u>ghal darb’ohra f’dan l-appell bejn l-istess partijiet</u>.

Jidher ghalhekk mis-suespost li hemm lok ta’ astensjoni min-naha ta’ dawn iz-zewg gudikanti a tenur tal-Artikolu 734(d) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Tajjeb li, *obiter,* jigi pprecizat li din l-astensjoni qeghda ssir f’dan l-istadju *ex officio*, kemm ghar-raguni li ebda wahda mill-partijiet fil-kawza ma dehrilha opportun li tissenjalaha

ghall-attenzjoni tal-Qorti, kif ukoll ghar-raguni li kien biss wara li l-Qorti bdiet tiehu konjizzjoni aktar approfondita tal-atti in kawza u partikolarment dawk allegati mal-atti tal-appell, li rrizultawlha l-fatti fuq esposti.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------